MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2014

Appell Civili Numru. 361/2005/1

**Vodafone Malta Limited;**
**u Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**li b'digriet tad-19 ta' Settembru 2005 tħalliet tidħol fil-kawża**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali; il-Kontrollur tad-Dwana; il-Ministru tal-Finanzi; l-Awtorità ta' Malta għall-Komunikazzjoni**

1. Dan huwa appell ta' *Vodafone Malta Limited* ["*Vodafone*"] u *Mobisle Communications Limited* ["*Mobisle*" – flimkien "l-Appellanti"] taħt l-art. 95(2)(*e*) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] minn sentenza mogħtija fis-27 ta' Novembru 2008 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li ċaħdet talba ta' *Vodafone* biex tgħid illi l-artt. 40 u 41 tal-Att tal-2005 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi [Att II tal-2005 – "l-Att"] ma jiswewx billi

jmorru kontra dak li jgħidu u jridu l-artt. 12 u 13 tad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' *networks* u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni) ["id-Direttiva 2002/20"].

2. L-artt. 40 u 41 tal-Att jemendaw il-Ħames u s-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju tas-Sisa [Kap. 382] u jimponu dazju tas-sisa (*excise duty*) ta' tlieta fil-mija (3%) fuq "*Mobile Telephony Services (Leasing of lines and Top-up Vouchers)*". *Vodafone* tgħid illi b'hekk ġiet imposta taxxa ġdida fuq is-servizz tat-telefonija mobbli li ma kinitx taħseb għaliha l-liġi qabel. Fissret illi l-qasam tal-komunikazzjoni elettronika fl-Unjoni Ewropea hija regolata minn bosta Direttivi – fosthom id-Direttiva 2002/20 fuq imsemmija – maħsuba biex ikomplu jilliberalizzaw is-suq f'dan il-qasam. Kompliet tgħid illi, taħt l-artt. 12 u 13 tad-Direttiva 2002/20, l-"imposti fiskali u miżati" li jistgħu jiġu imposti huma ta' żewġ kategoriji: (i) imposti amministrativi u (ii) miżati għad-dritt ta' użu ta' riżorsi skarsi jew limitati bħal frekwenzi tar-radju jew numri.

3. Dawn id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2002/20, fil-fehma ta' *Vodafone*, iridu illi l-imposti amministrativi jkunu "limitati għall-ispiża attwali biex ir-regolatur tas-settur jiġġestixxi s-sistema ta' awtorizzazzjoni nnifisha u biex jalloka d-dritt ta' użu": ma jistgħux jiġu imposti oneri finanzjarji oħra barra dawk, jew b'żjieda ma' dawk li espressament tippermetti d-Direttiva 2002/20. Fil-każ ta' Malta dawn l-imposti u miżati ddaħħlu bis-saħħa tal-Ħdax-il Skeda tar-Regolamenti tal-2004 dwar *Networks* u

Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Ġenarali) [L.S. 399.28] maħruġa taħt l-Att biex Jirregola Komunikazzonijiet Elettroniċi [Kap. 399].

4. Għalhekk, tkompli tgħid *Vodafone*, meta daħħal dazju tas-sisa ta' 3% l-Att impona taxxi ġodda li ma humiex imposti amministrativi jew miżati kif imfisser, u fil-limiti li tippermetti, id-Direttiva 2002/20. Dan huwa bi ksir tad-Direttiva 2002/20 billi jimponi taxxi fuq is-servizzi ta' telefonija mobbli li d-Direttiva ma tridx li jiġu imposti.

5. *Vodafone* għalhekk, li hija operatur ta' servizzi ta' telefonija u għandha l-awtorizzazzjonijiet kollha li trid il-liġi biex topera f'dan il-qasam, qiegħda tiġi mġiegħla bis-saħħa tal-artt. 40 u 41 tal-Att, li tħallas taxxi li ma humiex permessi taħt id-Direttiva 2002/20.

6. Għal dawn ir-raġunijiet *Vodafone* tgħid illi l-Att iddaħħal b'liġi bi ksur tad-Direttiva 2002/20 – li fil-fehma tagħha għandha effett dirett – u bi ksur ukoll tal-obbligi ta' Malta taħt it-Trattat ta' Adeżjoni ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, li għandu saħħa ta' liġi bis-saħħa tal-artt. 3 u 4 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea [Kap. 460]. Għalhekk il-Parlament ma kellux is-setgħa taħt l-art. 65(1) tal-Kostituzzjoni li jgħaddi l-Att b'liġi.

7. Talbet għalhekk illi l-qorti tgħid illi ma jiswewx l-artt. 40 u 41 tal-Att għax ma humiex fil-*vires* tal-Parlament, għax jiksru l-artt. 12 u 13 tad-Direttiva 2002/20 u jiksru wkoll l-obbligi ta' Malta taħt it-Trattat ta' Adeżjoni ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.

8. Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi l-attriċi ma għandhiex interess ġuridiku illi timpunja d-dazju tas-sisa billi dan ma jitħallasx minnha iżda mill-utenti tas-servizz. Ressqu wkoll l-eċċezzjoni illi l-Parlament kellu s-setgħa li jgħaddi b'liġi l-artt. 40 u 41 tal-Att, u illi dawk l-artikoli ma humiex bi ksur tad-Direttiva 2002/20. L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni ressqet ukoll l-eċċezzjoni illi għandha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għax ma hijiex kontradittriċi leġittima.

9. Bis-sentenza tas-27 ta' Novembru 2008 li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku wara li għamlet dawn l-osservazzonijiet dwar l-eċċezzjoni:

> "… fuq dan il-punt issir riferenza għall-Att II tal-2005 u senjatament għar-Regolament 5 li jipprovdi s-segwenti:
>
> > »"Il-persuna, azjenda, soċjetà jew kumpannija li huma debitament reġistrati mal-Kontrollur ikunu responsabbli għall-ħlas tad-dazju tas-sisa kif specifikat fl-artikolu 3 tal-Att, fiż-żmien li jkun dovut il-ħlas tad-dazju tas-sisa."
>
> "Illi dan ir-regolament jipprovdi b'mod ċar, li din il-qorti tħoss ma jagħti lok għal ebda interpretazzjoni, li l-obbligu tal-ħlas tat-taxxa tas-sisa huwa impost fuq dik il-persuna, azjenda, soċjetà jew kumpannija li hija debitament reġistrata mal-Kontrollur. Huwa wkoll ċar mill-provi mressqa li s-soċjetà attriċi hija debitament reġistrata mal-Kontrollur bħala fornitur tas-servizz u dan japplika wkoll għas-soċjetà intervenuta fil-kawża u għalhekk ma jistax jingħad illi l-obbligu tal-ħlas ma qiegħedx fuqhom *qua* persuni reġistrati, minkejja illi din it-taxxa fl-aħħarnett tiġi mħallsa mill-konsumatur, u għalhekk din l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku qed tiġi miċħuda."

10. L-ewwel qorti mbagħad, wara li ħelset lill-Awtorità ta' Malta għall-Komunikazzjoni mill-ħarsien tal-ġudizzju, kompliet billi laqgħet l-eċċezzjoni fil-meritu tal-konvenuti l-oħra u ċaħdet it-talba tal-attriċi, bl-ispejjeż, għal raġunijiet li fissrithom hekk:

"Illi dwar l-applikazzjoni tal-istess Direttiva u l-effett tagħha fil-każ odjern jingħad li s-soċjetà attriċi u dik intervenuta fil-kawża qed jikkontendu illi l-imposizzjoni tat-taxxa tas-sisa introdotta permezz tal-Att II tal-2005 tivvjola l-artikolu 12 u 13 tad-Direttiva 2002/20. Illi l-artikoli 12 u 13 tad-Direttiva jipprovdu dwar ħlasijiet amministrattivi u dwar tariffi għad-drittijiet ta' użu u drittijiet għall-installazzjoni ta' faċilitajiet u dwar dawn jipprovdu hekk kif isegwi:-

""Artikolu 12:

""1. Kull ħlas amministrattiv impost fuq impriżi li jfornu servizz jew *network* taħt l-awtorizzazzjoni ġenerali jew li lilhom ikun ingħata dritt ta' użu, għandu:

""(a) fit-total, ikopri biss l-ispejjeż amministrattivi magħmula fl-amministrazzjoni, kontroll u infurzar tal-iskema tal-awto-rizzazzjoni ġenerali u tad-drittijiet ta' użu u l-obbligi speċifiċi kif imsemmija f'artikolu 6(2), li jistgħu jinkludu spejjeż għall-kooperazzjoni internazzjonali, armonizzazzjoni u standardizzazzjoni, analiżi tas-suq, solveljanza tal-konformità u kontrolli oħra tas-suq, kif ukoll ħidma regolatorja li tinvolvi l-preparazzjoni u l-infurzar ta' leġislazzjoni sekondarja u deċiżjonijiet amministrattivi, bħal deċiżjonijiet dwar l-aċċess u l-interkonnessjoni; u

""(b) jiġi impost fuq impriżi individwali b'mod oġġettiv, trasparenti u proporzjonat li jimminimizza spejjeż amministrattivi addizzjonali u l-ħlasijiet li jġibu magħhom.

""2. Fejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jimponu ħlasijiet amministrattivi, għandhom jippublikaw rapport ta' kull sena tal-ispejjeż amministrattivi tagħhom u tas-somma totali ta' ħlasijiet miġbura. Fid-dawl tad-differenza bejn is-somma totali tal-ħlasijiet u l-ispejjeż amministrattivi, għandhom isiru l-aġġustamenti xierqa."

""Artikolu 13:

""L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-awtorità relevanti li timponi tariffi għad-drittijiet ta' użu għall-frekwenzi tar-radju jew numri jew drittijiet li jiġu stallati faċilitajiet fi, minn fuq jew taħt proprjetà pubblika jew privata li jirriflettu l-ħtieġa li jiġi żgurat l-aqwa użu ta' dawn ir-riżorsi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk it-tariffi għandhom ikunu oġġettivament ġustifikati, trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonati b'relazzjoni mal-iskop maħsub tagħhom u għandhom jieħdu kont tal-miri f'Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru)."

"Illi għas-soluzzjoni tal-pendenza odjerna jeħtieġ li ssir analiżi tat-tifsira kemm ta' "ħlasijiet amministrattivi" kif ukoll ta' "tariffi għad-drittijiet ta' użu u drittijiet għall-installazzjoni ta' faċilitajiet". Fir-rigward ta' ħlasijiet amministrattivi, id-Direttiva għalkemm ma tagħtix definizzjoni tagħhom, in-natura tagħhom tista' tittieħed mill-iskop illi għalihom huma intiżi provduta fid-Direttiva nnifisha. Il-premessi tad-Direttiva huma intiżi sabiex jirregolaw l-għoti ta' awtorizzazzjoni mill-Awtoritijiet kompetenti

ta' kull pajjiż sabiex jiġu provduti servizi elettroniċi; *inter alia* jipprovdu illi ħlasijiet amministrattivi … jistgħu jiġu imposti fuq l-imsemmija fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u dan sakemm l-istess huma intiżi sabiex jirreflettu l-ispiża li tkopri l-attivitajiet tal-awtorità regolatorja nazzjonali fl-amministrazzjoni tas-sistema ta' awtorizzazzjoni u fl-għoti ta' drittijiet ta' użu. Fi kliem ieħor dawk il-ħlasijiet għandhom ikunu limitati li jkopru in-nefqa amministrattiva attwali għal dawk l-attivitajiet.

"L-artikolu 12(a) hawn fuq ċitat fil-fatt jispeċifika għal xiex għandhom ikunu intiżi l-ħlasijiet amministrattivi. Illi in kwantu għat-tariffi msemmija fl-artikolu 13, id-Direttiva tispeċifika illi dawn jistgħu per eżempju jintużaw biex jiffinanzjaw attivitajiet tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li ma jistgħux jiġu koperti bil-ħlasijiet amministrattivi. L-istess jipprovdu l-artikolu 17 u 18 tal-Kap. 399 – Att biex Jirregola l-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

"Illi jirriżulta ċar illi d-dazju tas-sisa impost fuq il-fornituri tas-servizz [ma] jista' jigi kkunsidrat la bħala ħlas amministrattiv u lanqas bħala tariffa li għalih huwa suġġett il-fornitur jew l-operatur ta' servizz sabiex jingħata l-awtorizzazzjoni meħtieġa skond il-liġi u skond l-istess Direttiva sabiex jopera. Dan jidher illi huwa aċċettat anke mis-soċjetà attriċi li fil-fatt tirrikonoxxi illi id-dazju impost fuq l-operaturi m'huwiex ħlas amministrattiv *ai termini* tad-Direttiva u anke tal-Kap. 399 tant li fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-istess datata 8 ta' Awissu 2006 tgħid li dan fil-fatt huwa dazju u ma għandu ebda ness ma' *administrative charges u licence fees* (*fol*. 165).

"Illi jidher għalhekk li għalkemm l-istess Direttiva għandha wkoll l-iskop li tillimita l-ħlasijiet li jistgħu jintalbu mingħand l-operaturi fit-telekom-unikazzjoni sabiex ikunu jistgħu jagħmlu dan fi Stat Membru jidher li din id-Direttiva ma tillimitax id-dritt tal-Istat Membru li jimponi taxxa fuq ċertu servizzi li jiġu provduti mill-istess operaturi. L-artikoli invokati mill-atturi, jekk *se mai* jagħmlu xi restrizzjonijiet, dawn jagħmluhom esklus-ivament in kwantu għal dak illi jirrigwarda l-ħlasijiet amministrattivi u t-tariffi relattivi għall-awtorizzazzjoni u/jew liċenzja mogħtija lilhom mill-awtorità kompetenti sabiex dawn ikunu jistgħu joperaw.

"Illi f'dan il-każ jirrizulta li l-awtorità kompetenti ma kenitx involuta fl-imposizzjoni ta' tali dazju, u tali dazju ma kienx impost bħala kundizzjoni għall-ħruġ ta' xi liċenzja jew awtorizzazzjoni sabiex l-istess operatur jew operaturi reġistrati bħala tali skond il-liġi jkunu jistgħu joffru s-servizzi tagħhom f'dan il-pajjiż, tant li d-dazju tas-sisa huwa ikkunsidrat bħala taxxa imposta mill-Istat Membru u konsegwentement din il-qorti tħoss li l-istess taxxa ma taqax fil-parametri ta' dawn iż-żewġ artikoli tal-istess Direttiva u għalhekk din il-qorti ma tistax issib ksur ta' Direttiva 2002/20 fuq din il-bażi.

"Illi jingħad, in kwantu għas-sentenzi mogħtija mill-Qorti Ewropea, ċitati mis-soċjetà attriċi, <u>Albacom Spa u Infostrada Spa v. Ministero del Tesoro, del Bilancio e della Programmazione Economica u Ministero delle Comunicazioni</u> (C-292/01 u C-293/01), deċiżi nhar it-18 ta' Settembru 2003, dawn ġew istitwiti fil-kuntest ta' allegat ksur tal-artikolu

11 tad-Direttiva 97/13/EC (id-Direttiva li giet sostitwita bid-Direttiva 2002/20/EC). L-artikolu 11 kien jipprovdi illi:

> ""*Member States shall ensure that any fees imposed on undertakings as part of authorization procedures seek only to cover the administrative costs incurred in the issue, management, control and enforcement of the applicable individual licences …*"

"Illi din il-qorti tirrimarka illi dan l-artikolu ma ġiex riprodott fid-Direttiva 2002/20/EC għalkemm jingħad li l-artikoli llum ċitati mill-istess Direttiva huma simili għall-istess. Dak il-każ kien jikkonċerna każ ta' ħlasijiet li kienu imposti fuq operaturi ta' mezzi ta' telkomunikazzjoni sabiex l-istess jingħataw permess sabiex joperaw u tali ħlasijiet kienu imposti fuq it-*turnover* tal-istess soċjetajiet – b'dan għalhekk il-qorti rreteniet li kien hemm ksur tal-istess Direttiva peress li l-istess imposta kienet maħruġa direttament fuq l-operatur stess minħabba l-fatt li l-istess kien awtorizzat li jopera fis-settur tal-komunikazzjoni, tant li l-istess *charge* kienet imposta fuq it-*turnover* kollu tal-istess operatur.

"Illi fil-każ odjern tali imposta ma hijiex marbuta mal-għoti tal-istess awtorizzazzjoni jew liċenzja lill-operatur, u lanqas hija kkalkolata fuq it-*turnover* tal-istess operatur, iżda hija taxxa imposta fuq il-konsum ta' ċertu servizzi ("*leasing of lines*" u "*top up vouchers*" provduti mill-istess operaturi, u dan kif jidher ċar mill-artikolu 1 tal-Att II tal-2005 li daħħal l-istess taxxa tas-sisa bħala Taqsima G tal-Kap 382 – *Excise Duty Act*, liema disposizzjoni tinsab ċitata fl-intier tagħha fin-*Notice to Members* maħruġ mill-Kumitat tal-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew datata 3 ta' Frar 2006 wara petizzjoni numru 131/2005 li saret minn Oison Jones-Dillon proprju fuq dan il-każ (*fol*. 196 u *a tergo fol*. 209).

"Illi jirriżulta wkoll li l-istess taxxa ta' sisa hija imposta direttament, kif anke jirriżulta mix-xiehda f'din il-kawża, fuq il-konsum attwali mill-konsumatur ta' servizzi speċifiċi provduti mill-operaturi b'dan għalhekk li ma jistax jingħad li l-istess imposizzjoni ta' dazju ma hijiex [*sic*] imposta finanzjarja biss sabiex wieħed ikun jista' jopera, iżda hija taxxa vera u proprja bħal ma hija t-taxxa fuq id-dhul, taxxa fuq id-dħul kapitali u *value added tax* li ma humiex oġġett ta' regolamentazzjoni taħt id-Direttiva 2002/20 ċitata mis-soċjetà attriċi, b'dan għalhekk li allura il-każ ta' <u>Albacom and Infostrada</u> huwa differenti minn dak odjern peress li f'dak il-każ il-liġi Taljana numru 448 tat-23 ta' Diċembru 1998 u d-digrieti ministerjali tal-21 ta' Marzu 2000 kienu jipprovdu proprju għal:-

> ""*un contributo sulle attività di installazzione e fornitura di reti di telecomunicazioni pubbliche, di fornitura al pubblico di servizi di telefonia vocale e di servizi di comunicazione mobile e personali; il contributo è dovuto dai titolari di concessioni di servizi di telecomunicazione pubbliche, ovvero di licenze per l'installazione e la fornitura di reti di telecomunicazione pubbliche, per servizi al pubblico di telefonia vocale o di comunicazione mobile e personale.*
>
> ""*Tale contributo è determinato per il 1999 nella misura del 3 per cento, per il 2000 nella misura del 2,7 per cento, per il 2001 nella misura del 2,5 per cento, per il 2002 nella misura del 2 per cento e per il 2003 nella misura dell'1,5 per cento, calcolato sul fatturato relattivo a tutti i servizi e prestazioni di telecomunicazioni dell'anno precedente.*"

"Illi din il-konklużjoni hija konfortata mid-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea datata 8 ta' Settembru 2005 fl-ismijiet (C-544/03) Mobistar SA v. Comune de Floron u (C-545/03) Belgacom Mobile SA v. Comune de Schaerbeek (*fol*. 110) fejn il-każi kienu jirrigwardaw l-imposizzjoni ta' taxxa fuq "*transmission pylons, masts and antennae for GSM*" u fuq "*tax on external antennae and amending a regulation imposing a tax on satellite dishes*" rispettivament fejn ingħad li:-

> "*It is necessary to point out at the outset that the event which gives rise to the taxes on communications infrastructures is not an issue of licences. Therefore Directive 97/13, which was relied on by Mobistar at the hearing, is not applicable to the facts of the case".*
>
> "*Tax measures applying to mobile communications infrastructures are not covered by article 3c of Commission Directive 90/388/ECC of 28 June 1990 on competition in the markets for telecommunication services, as amended, with regard to the implementation of full competition in telecommunications markets, by the Commission Directive 96/19/EC of 13 March 1996 …*"

"Illi għalhekk din il-qorti thoss li l-imposizzjoni ta' taxxa tas-sisa kif proposta fl-istess Att II tal-2005 ma jirriżultax li tikser id-Direttiva 2002/20 u dan għaliex almenu bl-istess Direttiva ma jirriżultax li l-Istat ġie limitat milli jimponi taxxa fuq servizzi proveduti minn operaturi ta' telekomunizzjonijiet, u jirriżulta … li l-istess dazju ta' sisa m'huwiex kalkolat fuq in-negozju tal-operaturi iżda purament fuq il-prezz ta' ċertu servizzi għall-konsum provduti minnu, b'dan għalhekk li dak li jagħti lok għall-ħlas tat-taxxa ma kienx marbut mal-awtorizzazzjoni tal-operatur li jipprovdi tali servizz, iżda hija marbuta mal-konsum tas-servizz u diretta lejn l-utent tal-istess servizz fil-mument tal-akkwist tal-istess servizz milqut mill-istess taxxa.

"Illi f'dan is-sens din il-qorti ma tistax ma tikkunsidrax l-Opinjoni tal-Kummissjoni wara l-Petizzjoni nru 131/2005 ta' Oisin Jones-Dillon fuq l-imposizzjoni tat-taxxa tas-sisa li wkoll irriteniet illi din it-taxxa ma taqax fl-ambitu tad-Direttiva 2002/20/EC, liema deċiżjoni ġiet segwita mill-Kumitat tal-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew f'ittra datata 5 ta' Mejju 2006 (*fol*. 231), u dan jidher li huwa bbażat fuq dak li ġie ritenut fil-kawzi ċitati ta' Mobistar SA v. Commune de Fleron (C-544/03) u Belgacom Mobile SA v. Comune de Schaerbeek (C-545/03) u b'hekk ma jirriżultax li hemm xi ksur tal-istess Direttiva u ta' xi dritt Komunit-arju.

"Illi dwar il-punt imqajjem mill-Awtorità konvenuta li hija ma hijiex il-leġittimu kontradittur u dan peress li hija ma hijiex l-awtorità kompetenti u responsabbli għat-tfassil u/jew emendar tal-artikoli 40 u 41 tal-Att II tal-2005 jingħad li l-Att għat-Twaqqif tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni [Kap. 418 tal-Liġijiet ta' Malta] u senjatament l-artikolu 4 ta' dan l-Att illi jirregola l-għan, il-funzjonijiet u s-setgħat tal-Awtorità jeskludi mansjonijiet illi jirrigwardaw imposizzjoni ta' taxxa fuq il-fornitur tas-servizz. Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tigi milqugħa u l-Awtorità ta' Malta għall-Komunikazzjoni kellha, anke li kieku gew miċhuda l-eċċezzjonijiet l-oħra, f'kull każ tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

"Illi għalhekk it-talba attriċi qed tiġi miċħuda."

11. *Vodafone* u *Mobisle*, li tħalliet tidħol fil-kawża bl-istess interess ta' *Vodafone*, appellaw minn din is-sentenza b'rikors tal-10 ta' Diċembru 2008. L-aggravji huma (i) illi l-ewwel qorti qalet ħażin meta qalet illi d-dazju tas-sisa huwa "taxxa ta' applikazzjoni ġenerali"; u (ii) illi l-ewwel qorti qalet ħażin ukoll meta qalet illi d-dazju tas-sisa ma jmurx kontra dak li tgħid u trid id-Direttiva 2002/20. Ressqu wkoll aggravju kontra l-ħelsien tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni mill-ħarsien tal-ġudizzju.

12. Il-konvenuti ħlief l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni wieġbu fl-24 ta' Diċembru 2008 u fissru għala, fil-fehma tagħhom, l-appell għandu jiġi miċħud u ressqu wkoll eċċezzjoni preliminari ta' nullità tal-appell *ratione materiæ* għax l-appell ma kienx imissu tressaq quddiem din il-qorti. L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni wieġbet fid-29 ta' Diċembru 2008 u wkoll ressqet eċċezzjoni ta' nullità *ratione materiæ*.

13. Fit-18 ta' Jannar 2012 din il-qorti ressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ["il-Qorti tal-Ġustizzja"] talba għal deċiżjoni pre-liminari taħt l-art. 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Id-deċiżjoni preliminari ntalbet dwar:

> "Jekk id-dispożizzjonijiet tad-[Direttiva ta' Awtorizzazzjoni], u parti-kolarment l-Artikoli 12 u/jew 13 tagħha, jipprojbixxux l-Istati Membri milli jimponu imposta fiskali fuq operaturi tat-telekomunikazzjonijiet mobbli ('l-operaturi') li hi:

1) dazju msejjaħ tas-sisa introdott permezz ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali;
2) ikkalkulata bħala perċentaġġ tal-ħlasijiet imposti minn operaturi ta’ telefonija mobbli fuq l-utenti tagħhom għas-servizzi pprovduti lilhom minn dawn l-operaturi ħlief għal dawk is-servizzi eżentati mil-liġi;
3) imħallsa lill-operaturi ta’ telefonija mobbli mill-utenti tagħhom b’mod individwali u li sussegwentement dan l-istess ammont jiġi mgħoddi lill-Kontrollur tad-Dwana mill-operaturi kollha li joffru *mobile telephony services*, pagabbli biss mill-operaturi u mhux minn impriżi oħra inklużi dawk li jipprovdu *networks* ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi u servizzi oħra.”

14. Il-Qorti tal-Ġustizzja wieġbet hekk fis-27 ta’ Ġunju 2013:

> “L-Artikolu 12 tad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta’ Marzu 2002, dwar l-awtorizzazzjoni ta’ *networks* u servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta’ Awtorizzazzjoni), għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta’ Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi li l-operaturi li joffru servizzi ta’ telefonija mobbli jkunu responsabbli għall-ħlas ta’ dazju msejjaħ “tas-sisa” li jikkorrispondi għal perċentwali tal-ħlasijiet li huma jimponu fuq l-utenti ta’ dawn is-servizzi, bil-kundizzjoni li l-fatt li jagħti lok għal dan il-ħlas ma jkunx marbut mal-proċedura ta’ awtorizzazzjoni ġenerali li permezz tagħha jista’ jinkiseb aċċess għas-suq tas-servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi, iżda jkun marbut mal-użu tas-servizzi ta’ telefonija mobbli pprovduti mill-operaturi, u bil-kundizzjoni li fl-aħħar mill-aħħar dan il-ħlas isir mill-utent ta’ dawn is-servizzi, kundizzjonijiet dawn li għandhom jiġu vverifikati mill-qorti tar-rinviju.”

15. Din il-qorti sejra issa tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dan l-appell u tibda billi tqis l-eċċezzjoni preliminari ta’ nullità tal-appell. Din l-eċċezzjoni, effettivament, hija eċċezzjoni ta’ inkompetenza ta’ din il-qorti *ratione materiæ*.

16. Il-konvenuti jgħidu illi l-kompetenza ta’ din il-qorti f’materja ta’ validità ta’ liġijiet toħroġ mill-art. 95(2)(*e*) tal-Kostituzzjoni li jgħid hekk:

> “**95.** (2) … il-Qorti Kostituzzjonali … jkollha ġurisdizzjoni li tisma’ u tiddeċidi -

"… … …

"(*e*) appelli minn deċiżjonijiet ta' xi qorti ta' ġurisdizzjoni oriġinali f'Malta fuq kwistjonijiet dwar il-validità ta' liġijiet li ma jkunux dawk li jistgħu jaqgħu taħt l-artikolu 46 ta' din il-Kostituzzjoni;"

17. L-azzjoni dwar il-validità ta' liġijiet hija dik li jagħti l-art. 116 tal-Kostituzzjoni:

> "**116.** Dritt ta' azzjoni għal dikjarazzjoni li xi liġi tkun invalida għal xi raġunijiet ħlief inkonsistenza mad-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 ta' din il-Kostituzzjoni tkun tappartjeni lill-persuni kollha mingħajr distinzjoni u persuna li ġġib azzjoni bħal dik ma tkunx meħtieġa turi xi interess persunali b'appoġġ għall-azzjoni tagħha."

18. Il-konvenuti jgħidu illi appell minn deċiżjoni f'azzjoni dwar invalidità ta' liġi għal raġuni oħra barra minn dawk imsemmija fl-art. 116 ma jsirx quddiem din il-qorti.

19. L-Appellanti jgħidu illi l-Att huwa invalidu għax il-Parlament ma għandux *vires* taħt l-art. 65 tal-Kostituzzjoni li jgħid hekk:

> "**65.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, il-Parlament jista' jagħmel liġijiet għall-paċi, ordni u gvernar tajjeb ta' Malta b'mod konformi ma' rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji ġeneralment aċċettati tad-dritt internazzjonali u l-obbligi internazzjonali u reġjonali ta' Malta partikolarment dawk assunti bit-trattat tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea iffirmat f'Ateni fis-16 ta' April, 2003."

20. Fil-fehma ta' din il-qorti l-art. 65 qiegħed effettivament jagħti *status* kostituzzjonali lill-"obbligi … assunti bit-trattat tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea" u għalhekk liġi li tikser dawk l-obbligi hija effettivament inkonsistenti mal-Kostituzzjoni.

21. Tassew illi l-konvenuti josservaw illi:

> "… jekk wieħed jinterpreta l-artikolu 65 tal-Kostituzzjoni kif qiegħda tinterpretah [*recte*, kif qegħdin jinterpretawh] is-soċjetajiet appellanti meta qed jallegaw illi skond dan l-artikolu l-Parlament Malti ma għandux *vires* biex igħaddi liġijiet li b xi mod ikunu jikkozzaw ma' xi wieħed mill-ħafna obbligi internazzjonali jew reġjonali ta' Malta, wieħed ikun qieghed effettivament igħid illi kull att tal-Unjoni Ewropea u kull att ta' xi organizzazzjoni internazzjonali li joħloq obbligu fuq Malta effettivament jifforma parti mill-Kostituzzjoni b'mod li kull liġi mgħoddija mill-Parlament li tista' b' xi mod tikkozza miegħu ssir anti-kostituzzjonali."

22. Madankollu *adducere inconveniens non est solvere argumentum*. Barra minn hekk, huwa xieraq illi l-aħħar kelma dwar validità ta' liġi mgħoddija mill-Parlament tkun tal-Qorti Kostituzzjonali, għax is-setgħa tal-Parlament li jgħaddi liġijiet ġejja mill-Kostituzzjoni u huwa tal-Qorti Kostituzzjonali l-kompitu li tinterpreta l-Kostituzzjoni u tgħid safejn tasal is-setgħa tal-Parlament taħt il-Kostituzzjoni. Wara kollox, l-art. 116 huwa x'aktarx ġeneriku meta jagħti dritt ta' azzjoni "għal dikjarazzjoni li xi liġi tkun invalida għal xi raġunijiet ħlief inkonsistenza mad-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 ta' din il-Kostituzzjoni"; ir-raġuni ta' invalidità ma hemmx għalfejn li tkun inkonsistenza ma' disposizzjoni testwali tal-Kostituzzjoni.

23. L-eċċezzjoni ta' nullità tal-appell u ta' inkompetenza *ratione materiæ* hija għalhekk miċħuda.

24. Fil-meritu l-kwistjoni fl-essenza tagħha hija x'aktarx sempliċi. Il-premessa legali li toħroġ mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija illi l-istat għandu setgħa jimponi taxxa jew dazju barra dawk li taħseb għalihom id-Direttiva 2002/20 sakemm:

25. ma jkunx marbut mal-proċedura ta’ awtorizzazzjoni ġenerali li permezz tagħha jista’ jinkiseb aċċess għas-suq tas-servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi;

26. ikun marbut mal-użu tas-servizzi ta’ telefonija mobbli pprovduti mill-operaturi; u

27. fl-aħħar mill-aħħar dan il-ħlas isir mill-utent ta’ dawn is-servizzi.

28. Kull ma rridu naraw għalhekk huwa jekk id-dazju tas-sisa jħarisx dawn it-tliet kondizzjonijiet.

29. L-Appellanti jibdew billi jikkritikaw dik il-parti tas-sentenza appellata fejn tissemma l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea u l-avviż tal-Parlament Ewropew tat-3 ta’ Frar 2006 fl-atti tal-petizzjoni numru 131/2005 quddiem il-Kumitat tal-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Igħidu hekk:

> “… dan il-parir huwa fondamentalment żbaljat u dana mhux biss peress li ma sarx skond il-proċedura rikjesta (li sewwa sew timponi l-obbligu fuq il-Parlament Ewropew biex ma tikkunsidrax [*recte*, ma jikkunsidrax] kwistjonijiet li huma *sub judice*) iżda iktar minn hekk peress li l-Kummissjoni ma kellhiex quddiemha l-fatti kollha biex tagħti opinjoni tajba (u dina proprju kawża tal-fatt li l-esponenti ma ġewx mgħarrfa li kienet saret petizzjoni fuq il-mertu tal-kawża odjerna). Huwa sinifikanti, per eżempju, li ma ntqal xejn dwar il-fatt illi d-dazju ġie kalkolat fuq it-*turnover* tal-operaturi appellanti, liema fatt kien wieħed mill-punti kruċjali għala l-Qorti Ewropea ħassett li imposta kienet tmur kontra d-direttiva Ewropea fir-riferenza Albacom."

30. L-ewwel qorti iżda ma ħassithiex marbuta b’dik l-opinjoni: qablet magħha fil-meritu għax l-argument dehrilha konvinċenti (u dan wara li semgħet x’kellhom xi jgħidu l-Appellanti) u mhux għax dehrilha illi

kienet marbuta b'dik l-opinjoni. L-ilment dwar il-proċedura li biha mexa l-Parlament Ewropew għalhekk ma għandu ebda relevanza fuq il-meritu.

31. Dwar in-natura tad-dazju tas-sisa, u jekk dan iħarsx it-tliet kondizzjonijiet imsemmija fuq, l-Appellanti jgħidu hekk:

> "Fil-każ odjern id-'dazju' ma hijiex ta' applikazzjoni ġenerali iżda hija imposta fuq l-operaturi tas-servizzi tal-*mobile* biss. Il-Kontrollur tad-Dwana stess ammetta illi l-imposta ġiet kalkolata fuq it-*turnover* tal-operaturi u spjega kif ċerti servizzi tat-telefonija mobbli ġew esklużi mill-impożizzjoni ta' dan id-dazju peress li inkella kienet ser tinħoloq sitwazzjoni ta' intaxxar doppju fuq l-istess soċjetà attriċi.
>
> "Ma hux kontestat li d-dazju qed jiġi impost fuq is-servizzi mogħtija mill-esponenti (l-operaturi tat-telefonija mobbli) biss. Għalhekk, jissejjaħ kif jissejjaħ m'għandux ikun hemm dubbju li d-'dazju' hija fil-fatt imposta fuq l-appellanti operaturi, li mbagħad għandhom jaraw kif u jekk igħaddux dawn l-ispejjeż lill-utenti tagħhom jew le. Fil-fatt dan kollu ġie ammess mir-rappreżentant tal-Kontrollur intimat meta fix-xiehda tiegħu tas-26 t'Ottubru 2005 spjega li l-Kontrollur intimat kien iltaqa' mal-operaturi biex jiddeċidu fuq is-sistema ta' amministrazzjoni tad-'dazju'. Spjega wkoll li: (a) għalkemm id-'dazju' kien jitħallas kull xahar iżda "hemm kumpannija minnhom illi l-figura tagħha tkun tafha iżjed tard mill-oħra minħabba problemi amministrattivi u ftehemna magħha li nagħmlu *standing order* kull meta titħallas imbagħad kull tliet xhur isir *adjustment* …"; (b) "Aħna għidnielhom illi ... se nibbażaw kollox fuq il-*book records* li jkollhom huma"; (ċ) "Il-kalkolu tat-taxxa jsir fuq it-*turnover* però qabel ma tiġi imposta l-*VAT*. Fuq il-*cost* tas-servizz qabel ma tiġi imposta l-*VAT*" u wara kkjarifika: "Le u fuq il-*cost* tas-servizz jiġifieri *including* il-*profit*".
>
> "F'dan ir-rigward, ukoll, l-esponenti jsibu serħan fil-fatt li l-Prim'Istanza stess sabet li huma għandhom interess ġuridiku dirett fit-taxxa peress li kienu milquta direttament minnha. Jiġi rilevat *inoltre* illi tant kien impost fuq l-appellanti li l-obbligu li jinġabar id-'dazju' u jitħallas huwa impost fuq l-operaturi appellanti, u iktar minn hekk għandhom ikunu reġistrati mal-Kontrollur tad-Dwana għal dan il-ghan. Ir-reġistrazzjoni u l-ħlas tad-dazju hija kondizzjoni imposta fuq l-appellanti fl-għotja ta' liċenzja biex joperaw fis-suq tat-telefonija mobbli. Jiġi rilevat li dan kollu huwa oneru żejjed fuq is-soċjetajiet appellanti li ma hux kontemplat fil-*Framework Directive*."

32. Il-fatt illi s-sisa "hija imposta fuq l-operaturi tas-servizzi tal-*mobile* biss" ma jfissirx illi ma hijiex "ta' applikazzjoni ġenerali". Qabel xejn, meta l-

Appellanti jgħidu illi s-sisa "hija imposta fuq l-operaturi tas-servizzi tal-*mobile*" qegħdin jagħmlu asserzjoni gratuwita, għax għad irid jiġi determinat jekk hijiex imposta fuq l-operaturi jew fuq is-servizzi li joffru, li huwa l-qofol tal-kwistjoni. Barra minn hekk, li hu relevanti biex tara jekk is-sisa hijiex taxxa ta' applikazzjoni ġenerali ma huwiex jekk hijiex imposta fuq is-servizzi (jew fuq l-operaturi tas-servizzi, biex f'dan l-istadju, inħallu impreġudikata l-kwistjoni) tal-*mobile* biss iżda jekk hijiex imposta fuq is-servizzi (jew fuq l-operaturi tas-servizzi) tal-*mobile* kollha. Il-fatt illi s-sisa titħallas fuq is-sigaretti u mhux ukoll fuq il-qastan ma jagħmilhiex ta' applikazzjoni anqas ġenerali, sakemm titħallas fuq is-sigaretti kollha indiskriminatament u mhux biss fuq dawk ta' produttur partikolari.

33. Fil-każ tallum għalhekk ma jistax jingħad illi d-dazju tas-sisa impost bl-att ma huwiex ta' applikazzjoni ġenerali.

34. L-Appellanti josservaw ukoll illi huwa fuqhom l-obbligu illi jinġabar u jitħallas id-dazju, u jistrieħu wkoll fuq il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti biex tiċħad l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku ta' *Vodafone*[1]. B'dan l-argument l-Appellanti jridu juru illi ma tħarsitx it-tielet kondizzjoni msemmija fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, *viz.* illi "fl-aħħar mill-aħħar dan il-ħlas isir mill-utent ta' dawn is-servizzi".

[1] Ara para. 9 *supra*.

35. Il-fatt illi l-appellanti huma "responsabbli għall-ħlas tad-dazju tas-sisa" ma jfissirx illi "fl-aħħar mill-aħħar" dan id-dazju jitħallas minnhom u mhux mill-utent tas-servizzi li jipprovdu. Wara kollox, fis-silta tas-sentenza appellata li fiha l-Appellanti "jsibu serħan" jingħad testwalment illi "ma jistax jingħad illi l-obbligu tal-ħlas ma qiegħedx fuqhom *qua* persuni reġistrati, minkejja illi *din it-taxxa fl-aħħarnett tiġi mħallsa mill-konsumatur*". Bl-istess mod, taħt l-art 49 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti [Kap. 364] in-nutar li jippubblika att li bih isir trasferiment huwa responsabbli *in solidum* mal-partijiet għall-ħlas tat-taxxa fuq dak it-trasferiment, iżda dan ma jfissirx illi "fl-aħħar mill-aħħar" il-ħlas isir min-nutar.

36. Iżda fil-fatt, "fl-aħħar mill-aħħar", id-dazju tas-sisa li dwaru saret il-kawża tallum jitħallas mill-operatur tas-servizz jew mill-utent tas-servizz? L-Appellanti jgħidu illi, bħat taxxa li kienet il-meritu tal-każijiet ta' *Albacom*[2] u *Infostrada*[3] quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja deċiżi flimkien fit-18 ta' Settembru 2003, id-dazju tas-sisa li dwaru saret il-kawża tallum huwa taxxa imposta fuqhom għall-ħruġ tal-liċenza biex jitħallew jagħtu s-servizz aktar milli fuq is-servizz innifsu.

37. Il-kwostjoni f'dawk il-każijiet kienet dwar jekk l-art. 6 tal-*legge 22 dicembre 1998, n. 448* u d-*decreto interministeriale 21 marzo 2000*

---

[2] Albacom SpA contro Ministero del Tesoro, del Bilancio e della Programmazione Economica e Ministero delle Comunicazioni (C-292-01).

[3] Infostrada SpA contro Ministero del Tesoro, del Bilancio e della Programmazione Economica e Ministero delle Comunicazioni (C-293-01).

kinux jiskru d-disposizzjonijiet tal-art. 11 tad-Direttiva 97/13 KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta’ April 1997 li kienet tirregola l-materja li llum hija regolata bid-Direttiva 2002/20. L-art. 11 kien igħid hekk:

> “1. Member States shall ensure that any fees imposed on undertakings as part of authorisation procedures seek only to cover the administrative costs incurred in the issue, management, control and enforcement of the applicable individual licences. The fees for an individual licence shall be proportionate to the work involved and be published in an appropriate and sufficiently detailed manner, so as to be readily accessible.
>
> 2. Notwithstanding paragraph 1, Member States may, where scarce resources are to be used, allow their national regulatory authorities to impose charges which reflect the need to ensure the optimal use of these resources. Those charges shall be non-discriminatory and take into particular account the need to foster the development of innovative services and competition.”

38. L-art. 20 tal-*legge 22 dicembre 1998, n. 448* kien igħid hekk:

> “È istituito un contributo sulle attività di installazione e fornitura di reti di telecomunicazioni pubbliche, di fornitura al pubblico di servizi di telefonia vocale e di servizi di comunicazioni mobili e personali; il contributo è dovuto dai titolari di concessioni di servizi di tele-comunicazioni pubbliche, ovvero di licenze per l’installazione e la fornitura di reti di telecomunicazioni pubbliche, per servizi al pubblico di telefonia vocale o di comunicazioni mobili e personali.
>
> “Tale contributo è determinato per il 1999 nella misura del 3 per cento, per il 2000 nella misura del 2,7 per cento, per il 2001 nella misura del 2,5 per cento, per il 2002 nella misura del 2 per cento e per il 2003 nella misura dell'1,5 per cento, calcolata sul fatturato relativo a tutti i servizi e prestazioni di telecomunicazioni dell'anno precedente.
>
> “Per i soggetti con fatturato inferiore a 200 miliardi di lire nellanno di riferimento per il computo del contributo, le predette aliquote sono fissate al 2 per cento fino al 2002 ed all'1,5 per cento nel 2003. Per questi ultimi il contributo non è dovuto in caso di perdite di esercizio.
>
> “Il contributo è versato entro trenta giorni dalla data di approvazione del bilancio dell’esercizio a cui il fatturato si riferisce. Entro il 15 dicembre di ciascun anno è versato un acconto sul contributo dovuto per l’anno successivo pari per il 1999 al 70 per cento, per il 2000 all'85 per cento e per il 2001 e gli anni successivi al 95 per cento del contributo dovuto per l’anno precedente. Per il 1999 l’acconto è determinato in relazione

> alle previsioni di fatturato per lo stesso anno, in misura, comunque, non inferiore al fatturato 1998.”

39. Id-*decreto interministeriale 21 marzo 2000* imbagħad kien jirregola l-modalità tal-ħlasijiet.

40. Il-Qorti tal-Ġustizzja wieġbet hekk:

> “Le disposizioni della direttiva del Parlamento europeo e del Consiglio 10 aprile 1997, 97/13/CE, relativa ad una disciplina comune in materia di autorizzazioni generali e di licenze individuali nel settore dei servizi di telecomunicazione, in particolare l'art. 11 della medesima, vietano agli Stati membri di imporre alle imprese titolari di licenze individuali nel settore dei servizi di telecomunicazione, per il solo fatto che detengono tali licenze, prestazioni pecuniarie come quelle in esame nelle cause principali, diverse e supplementari rispetto a quelle consentite da tale direttiva.”

41. Mela li hu projbit mhux l-impożizzjoni ta’ xi taxxa oħra barra dawk li taħseb għalihom id-Direttiva iżda l-impożizzjoni ta’ taxxa oħra (i) fuq l-operaturi li għandhom liċenza biex jipprovdu s-servizz (ii) “*per il solo fatto che detengono tali licenze*”. Id-dazju impost bis-saħħa tal-Att impunjat, iżda, huwa impost fuq servizzi speċifiċi meta dawk is-servizzi jiġu provduti, u mhux impost fuq l-operaturi għall-fatt biss li għandhom liċenza ta’ operaturi. Sewwa ħafna qalet l-ewwel qorti meta osservat illi:

> “… l-istess dazju ta’ sisa m’huwiex kalkolat fuq in-negozju tal-operaturi iżda purament fuq il-prezz ta’ ċertu servizzi għall-konsum provduti minnu, b’dan għalhekk li dak li jagħti lok għall-ħlas tat-taxxa ma kienx marbut mal-awtorizzazzjoni tal-operatur li jipprovdi tali servizz, iżda hija marbuta mal-konsum tas-servizz u diretta lejn l-utent tal-istess servizz fil-mument tal-akkwist tal-istess servizz milqut mill-istess taxxa”

42. Fl-aħħar mill-aħħar id-dazju huwa żjieda fuq kemm jiswa s-servizz provdut lill-utent. Il-fatt li d-dazju jinġabar mill-operatur ma jnaqqasx

mill-fatt li huwa parti mill-*cost* tas-servizz li l-operatur igħaddih lill-utent bħal ma jgħaddilu n-nefqa kollha biex jipprovdi dak is-servizz u *margin* għall-profitt tiegħu[4]. Jekk imbagħad l-operatur jagħżel li jassorbixxi hu d-dazju jkun qiegħed biss inaqqas il-profitt tiegħu u mhux ma jgħaddix id-dazju lill-utent.

43. Fil-fehma ta' din il-qorti għalhekk id-dazju ma jikser ebda waħda mit-tliet kondizzjonijiet imsemmija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Ġunju 2013 fil-kawża tallum[5]. Għalhekk ma jitqiesx ħlas amministrativ għall-għanijiet tad-Direttiva 2002/20 u ma jintlaqatx bl-artt. 12 u 13 ta' dik id-Direttiva

44. Fl-ewwel aggravju tagħhom l-Appellanti jkomplu jgħidu:

> "Illi d-direttivi dwar is-servizzi mobbli daħħlu l-kunċett tan-newtralità fil-mezzi teknoloġiċi u neħħew id-distinzjoni bejn operaturi mobbli u dawk ta' servizzi oħrajn, b'dan illi d-direttivi għandhom japplikaw b'mod ugwali għall-operaturi kollha. Fl-ambitu ta' dawn id-direttivi li jirregolaw is-settur u li jistabbilixxu n-newtralità bejn it-teknoloġiji u l-operaturi, m'għandhiex tiġi imposta taxxa fuq operaturi tat-telefonija mobbli, b'esklużjoni ta' operaturi oħrajn fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, għaliex b'hekk tkun qed issir diskriminazzjoni bejn l-operaturi f'dan is-settur, liema diskriminazzjoni ma tkunx ġustifikata."

45. Dan iżda ma huwiex meritu tal-kawża tallum. Li hu mitlub mill-qorti hu li tgħid illi l-artt. 40 u 41 tal-Att huma invalidi għax "in konflitt mad-Direttiva 2002/20 tal-Unjoni Europea, u in partikolari l-artikoli 12 u 13 tal-istess". Rajna illi d-dazju tas-sisa ma huwiex ħlas amministrativ u

---

[4] Ara para. 34 *et seq. supra*.

[5] Para. 24 *supra.*

ma jintlaqatx bl-artt. 12 u 13 tad-Direttiva[6]. L-argument tal-Appellanti, għalhekk, ma huwiex relevanti għall-għanijiet ta' din il-kawża tallum.

46. Fit-tieni aggravju l-Appellanti jfissru għala, fil-fehma tagħhom, l-impos-izzjoni tad-dazju tmur kontra d-Direttiva 2002/20. Igħidu illi:

> "… jħossu ruħhom aggravati mill-konsiderazzjoni tal-qorti illi "l-artikoli invokati mill-atturi, jekk *se mai* jagħmlu xi restrizzjonijet, dawn jagħmluhom esklussivament in kwantu ghal dak illi jirrigwarda l-ħlasijiet amministrattivi u t-tariffi relattiv għall-awtorizzazzjoni". Fil-fatt id-direttiva hija ferm iktar wiesgħa minn hekk … … … [l]d-Direttiva twaqqaf l-iStati Membri milli jimponu kwalsiasi imposta fuq l-appellanti ħlief għal dawk permessi skond l-istess Direttiva u għal taxxi ta' natura ġenerali u mhux speċifika għalihom. Id-Direttiva hija eżawstiva."

47. Iżda t-tweġiba għal dan l-aggravju nsibuha fis-sentenza preliminari mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża tallum[7]. Ladarba, kif rajna[8], id-dazju tas-sisa ma jikser ebda waħda mil-kondizzjonijiet imsemmija fl-istess sentenza preliminari, id-Direttiva 2002/20 ma tipprekludix l-impożizzjoni tiegħu.

48. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

49. L-aħħar aggravju jolqot il-ħelsien tal-Awtorità ta' Malta għall-Komunikazzjoni mill-ħarsien tal-ġudizzju. L-Appellanti fissru dan l-aggravju hekk:

> "L-esponenti jirrilevaw li din l-eċċezzjoni ssegwi in kwantu ġie dikjarat li d-dazju in kwistjoni kienet taxxa u mhux xi imposta li fi kwalsiasi każ kienet miġbura mill-Kontrollur tad-Dwana. Oltre dan però l-appellanti qegħdin jirriżervaw il-posizzjoni tagħhom anke kontra l-Awtorità

---

[6] Para. 40 *supra*.

[7] Ara para. 14 *supra.*

[8] Para. 40 *supra*.

> intimata in kwantu jista' jirriżulta li tipperċepixxi xi ammont minn dak impost fuq is-soċjetajiet appellanti."

50. Minn dak li ntqal hawn fuq għandu jidher illi d-dazju tas-sisa ma huwiex marbut mal-liċenza jew awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni lill-Appellanti, u l-ġbir ta' dak id-dazju ma huwiex fost is-setgħat tal-awtorità[9]. Għalhekk, kif lealment jistqarru l-Appellanti stess, "din l-eċċezzjoni ssegwi" u kienet korretta l-ewwel qorti meta ħelset lill-istess awtorità mill-ħarsien tal-ġudizzju għax ma għandhiex leġittimazzjoni passiva biex tikkontesta l-azzjoni. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

51. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

52. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu regolati kif tgħid is-sentenza appellata. L-ispejjeż relativi għall-eċċezzjoni ta' nullità *ratione materiæ* jħallsuhom il-konvenuti appellati; l-ispejjeż ll-oħrajn kollha tal-appell iħallsuhom l-Appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[9] Ara l-Att għat-Twaqqif tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni [Kap. 418], art. 4.